MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 319/2003

**Indoor Creations Limited**

**vs**

**Charles Genovese**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Frar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sebghin liri Maltin (Lm270.00) rapprezentanti prezz ta' materjal mibjugh lill-konvenut da parti tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 5 ta' Dicembru 2002 (Lm6) u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt fid-dritt stante illi x-xogholijiet mertu ta’ din il-kawza ma sarx skond is-sengha u l-arti kif jista’ jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza;
Illi, in ogni caso, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa eccessiv u ma jirriflettix il-prezz veritjier tal-materjal mibjugh lill-konvenut mis-socjeta’ attrici;
Illi, di piu’, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici qatt ma tat rendikont ta’ kif waslet ghall-ammont dedott fit-talba;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Yves Muscat, ta’ Peter Woolllard u tal-konvenut Charles Genovese. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difwnsuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici jirrigwarda bilanc minn prezz ta’ purtieri li l-konvenut kien ordna minghand is-socjeta’ attrici. Il-konvenut kien ordna l-materjal u l-hjata tal-purtieri ghas-sitting room, main bedroom u spare bedroom tad-dar tieghu. Il-konvenut isostni li dan il-bilanc m’huwiex dovut minnu peress li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u l-prezz mitlub kien eccessiv. Mill-provi rrizulta li l-kwistjoni kollha bejn il-partijiet kienet tirrigwarda il-purtieri tas-sittting room. Dawn il-purtieri kienu wiesghin hafna u kellhom jitwahhlu fuq rod tal-istainless steel. Dawn ir-rods tal-istainless steel jigu f’mizura standard ta’ zewg metri u nofs il-wahda u peress li l-bieb in kwitjoni kien wiesgha madwar hames metri kellhom jitwahhlu zewg rods flimkien bi bracket fin-nofs u zewg brackets fil-gnub. Meta twahhlu l-purtieri u r-rod il-brackets tal-gnub twahhlu 20 inch il-barra minn kull naha u dan sabiex ir-rod ma tiddendilx. Wara li twahhlu l-purtieri u r-rod il-konvenut insista li l-brackets tal-gnub jinqalghu u jiddahlu aktar il-gewwa. Is-socjeta’ attrici ma kienetx tal-parir li dan isir

izda l-konvenut insista li l-puriteiri kienu tieghu u li x-xoghol kellu jsir kif ried hu. Il-konvenut issa qed jilmenta li l-puriteiri qed jiddendlu u fil-fatt esebixxa sett ta' ritratti (a fol. 37) fejn il-purtieri jidhru ftit imdendlin lejn in-nofs. Fil-fehma tat-Tribunal l-ilment tal-konvenut m'huwiex gustifikat stante li huwa agixxa kontra l-parir tas-socjeta' attrici meta nsista li l-brackets jiddahhlu l-gewwa. Is-socjeta' attrici kienet wissietu li r-rod kien ser jiddendel bil-konsegwenza li l-purtieri jitkaxkru mal-art izda huwa kompla jinsisti li jrid ix-xoghol isir b'dak il-mod. Fix-xhieda tieghu tal- 1 ta' Ottubru 2003 il-konvenut fil-fatt jammetti li huwa kien insista li l-brackets jiddahhlu l-gewwa kontra l-parir ta' Yves Muscat (ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici) u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li huwa m'huwiex gustifikat li jilmenta li l-purtieri qed ikaxkru mal-art una volta li kien gie mwissi li hekk ser jigri jekk il-brackets jiddahhlu l-gewwa.

Il-konvenut ilmenta wkoll li l-purtieri tal-main bedroom ma sarux kif xtaq hu izda huwa ma ressaq ebda prova in sostenn ta' dan l-ilment kif ma ressaq ebda prova li l-ammont mitlub kien eccessiv.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------